# L-IMWIET U L-ELEZZJONIJIET TAL-PAPIET TA' ŻMIENI

*mill-KAN. DUN ĠUŻEPP ZAMMIT*

Illum, 24 ta' April 2005, waqt li qed nistenna li tibda t-trasmissjoni tax-xandira diretta, minn Pjazza San Pietru, tal-funzjoni ta' l-Intronazzjoni tal-Papa l-ġdid, **BENEDITTU XVI**, ġewni quddiem għajnejja ħafna tifkiriet dwar l-aħħar seba' Papiet, u li nixtieq naqsamhom magħhom.

## PIJU XI (1922-1939)

Sa ftit snin ilu ma kienx hawn il-mezzi ta' komunikazzjoni li hawn illum u ma nafx kif kienu jaslu l-aħbarijiet! Imma niftakar li fl-1939, il-qanpiena l-kbira tal-parroċċa ddoqq 20 tokk għal 20 darba minħabba l-mewt tal-Papa. Niftakar ukoll il-funeral li sarlu fl-Għasri. Eżatt taħt il-koppla ntrama speċi ta' torri, jgħidulu katafalk, minn fuq mgħotti bl-iswed, u isfel bl-aħmar. Fuq nett kien hemm ras ta' mewt imgħottija bi kripp iswed. Fl-erba' kantunieri tat-tubru kien ikun hemm gandlier b'xemgħa twila b'stampa ta' mewt magħha. Mal-ġnub tal-katafalk kienu jagħmlu żewġ pari bankijiet b'għaxar xemgħat fuq kull naħa; par ta' b'sitta l-wieħed, u par ta' l-erbgħa. Matul is-sena, il-par iż-żgħir kien jintuża meta kien ikun hemm xi quddiesa kantata tal-mejtin sempliċi, waqt li l-par il-kbir kien jintuża fl-ewwel Tnejn tax-Xahar jew it-Tnejn ta' l-Erwieħ, u waqt il-funerali.

Fl-imsemmija okkażjoni tal-mewt tal-Papa Piju XI, Achille Ratti, fil-Knisja tal-Għasri saret quddiesa kantata bis-sehem taċ-Ċelebrant prinċipali, bid-Djaknu u bis-Suddjaknu. Wara l-Vanġelu, Qassis bl-abiti korali kien jitla' fuq il-pulptu fejn jagħmel eloġju lill-Papa l-mejjet. Il-Quddiesa, dakinhar, bil-kant b'kollox kienet tkun bil-Latin. Wara l-Quddiesa, iċ-Ċelebrant kien ibierek u jinċensa l-katafalk.



Annu Santu tar-Redenzjoni 1933-34



**1 ta' Marzu 1929** – Knisja Katidrali, Għawdex: Il-katafalk - manbar bħala tubru kbir u mżejnen, armat għall-funeral uffiċċjali tal-Papa Piju XI. Jidher l-Isqof Mikiel Gonzi u l-Kapitlu waqt il-Libra ta' wara l-Quddiesa *de requie.*

## PIJU XII (1939-1958)



Hekk ukoll kien sar fis-sena 1958 meta tħabbret il-mewt tal-Papa Piju XII, Eugenio Pacelli. Dakinhar fuq il-katafalk kien hemm tjara tal-Papa, jew it-Trirenju, tal-kartun, li forsi kienet tintuża f'xi teatrin milli kienu jsiru l-Għasri stess. Dan il-Papa miet waqt li kien Castel Gandolfo – ir-residenza tas-sajf tal-papiet.

Dik il-ħabta jien kont Seminarist. Billi dak iż-żmien kien beda dieħel fid-djar it-T.V., il-Prefett ħadna fiċ-Ċentru ta' l-Azzjoni Kattolika tal-Fontana biex insegwu t-trasferiment tal-katavru ta' Piju XII għall-Palazz tal-Vatikan, fuq it-television, li Dun Tumas Curmi kien għadu kemm xtara għal dak il-lokal. 'L għada rajna wkoll iċ-ċerimonja tad-difna li kienet saret fil-Bażilika ta' San Pietru. Kien hemm għajdut li dan il-Papa kien ġie bbalzmat.

Fil-mewt ta' dan il-Papa ma kontx ġejt fil-parroċċa. Minflok assistejna għall-Pontifikal funebri li sar il-Katidral. Mat-tubru kien hemm erba' gandlieri kbar, wieħed f'kull kantuniera. Ma niftakarx sewwa jekk kienx hemm xi mitra ġemmata fuq il-katafalk mgħottija b'filoxx iswed, jew it-tjara Pontifiċja! Dak iż-żmien il-vistu għall-mewt tal-Papa kien ikun ta' xahar u wara kienu jibdew jaħsbu għall-elezzjoni ta' papa ġdid. L-għadd ta' Kardinali fi żmien Piju XII kien ta' 69, wieħed inqas milli suppost, għaliex sa dik il-ħabta kien qisu preċett tal-Knisja li l-Kardinali ma jkunux iżjed minn sebgħin.

## ĠWANNI XXIII (1958-1963)



Mill-konklavi ħareġ Papa l-Patrijarka ta' Venezja, il-Kardinal Angelo Roncalli, li kien jgħodd 78 sena. Kienet ġurnata fost il-ġimgħa u smajna l-ewwel diskors tiegħu fuq il-*loud speaker* ta' Fr. David Leach fil-Kuritur tas-Seminarju. Niftakar lil Mons. Klement Buttigieg, Ministru tad-Dixxiplina, jgħid: "Mela nagħmel kuraġġ għaliex jien għad għandi 72 sena, waqt li l-Papa l-ġdid sitt snin ikbar minni, u ma qatax qalbu mix-xogħol!"

Giovanni XXIII għażel li jiġi intronizzat fl-4 ta' Novembru 1958. Aħna s-Seminaristi konna fuq ix-xwiek li mmorru ġurnata d-dar biex min kellu T.V. ikun jista' jsegwi l-funzjoni. L-Isqof Ġużeppi Pace bl-ebda mod ma ried jibgħatna ġurnata, avolja ħafna Superjuri u Monsinjuri qalulu biex jagħmel hekk. Fl-aħħar ċeda, ġie fil-Kuritur tal-Kamerata tal-Kbar u qalilna li hu mhux bżonna u jekk irridu noqogħdu fejn ommna nistgħu nibqgħu hemm. Qalilna li issa ser jagħtina grazzja li noħorġu fl-4 ta' Novembru, imma imbagħad f'San Martin ma mmorrux id-dar bħas-soltu. Niftakar li xi qassisin mir-Rabat marru Ruma biex jattendu għall-funzjoni f'San Pietru però kellhom jikkuntentaw irwieħhom billi jsegwu kollox minn fuq it-T.V. f'ħanut tal-kafè. Il-Professur tal-Morali meta sar jaf b'dan qalilna: "Mela setgħu qagħdu Għawdex!"

Lejn l-aħħar ta' Mejju 1963 dan il-Papa miet, u kien ordnat xahar vistu. Il-festi esterni kienu kollha mħassra. Fit-13 ta' Ġunju kienet taħbat il-festa tagħna, ta' *Corpus*, u l-Kurja ordnat biex il-qniepen idoqqu biss kemxejn hu

u ħiereġ is-Sagrament mill-knisja, u hu u dieħel, biex ma jkunx hemm pompa. F'dik is-sena, jien bħala prokuratur tal-Festa ta' Barra, kont għamilt tliet statwi għand Wistin Camilleri: l-Appostli, San Ġwann, Sant'Andrija, u San Mattew, biex jitpoġġew fil-pjazza. Ġibniehom u ħallejniehom fis-sagristija. U m'n Alla għaliex il-pedestalli tagħhom ma laħqux tlestew. Intant, ukoll meta miet dan il-Papa, sar katafalk fil-knisja, u saret quddiesa solenni *de requie* għar-ruħu b'parteċipazzjoni sħiħa tal-poplu.

**PAWLU VI (1963-1978)**



Fil-konklavi, il-Kardinali għażlu lill-Kardinal Giovanni Battista Montini, Arċisqof ta' Milan li ġie elett fl-ewwel ġurnata. Dan il-Papa kien il-predilett tal-Kardinali, billi kien serva għal bosta snin bħala aġent segretarju tal-Papa Piju XII u qatt ma kien sar xejn. Kien però bniedem bravu ħafna kif ifissru il-Kan. Kantur Mons. Andrea Vella, ta' Ġalent, miż-Żebbuġ – Għawdex, li kien miegħu l-Università. Tant kien bravu li sħabu stess kienu jsejħulu "San Tumas it-Tieni" għall-intelliġenza kbira tiegħu. Lil Mons. Andrea Vella kien talbu biex jgħallmu xi ftit ingliż. Imma Mons. Vella, billi kien jaf xi bniedem għaraf kien dan Montini, ma aċċettax, bl-iskuża li hu, Ingliż ftit kien jaf. Dun Indrì kien jgħid li Giovanni Battista, qabel imur l-Università, kien jinżel fil-kripta ta' San Pietru u hemm jagħmel siegħa meditazzjoni kuljum.

Dan il-Papa kompla, u wassal għat-tmiem, il-Konċilju Vatikan II mibdi mill-predeċessur tiegħu. It-tnejn li huma wettqu ħafna riformi fil-Knisja u fil-funzjonijiet liturġiċi fosthom li l-Quddiesa ssir bil-lingwa tal-post. Pawlu VI hu l-aħħar Papa li kien inkurunat bit-Trirenju, però wara dakinhar, mhux talli li qatt ma għamel aktar użu minnu, iżda li biegħu għal dawk l-aktar fil-bżonn.

Meta miet dan il-Papa, ma sarx il-katafalk għaliex lanqas it-tubru fil-quddies solenni tal-mejtin ma kien għadu jintuża. Saret biss quddiesa kantata għal ruħu b'omelija li fiha ngħata ħjiel dwar ħajtu.

**ĠWANNI PAWLU I (1978)**



Wara ġurnata u nofs ta' konklavi, ġie elett Papa l-Patrijarka ta' Venezja, il-Kardinal Albino Luciani. Din kienet sorpriża kemm għalih innifsu u kemm għal familjari tiegħu. Infatti 'l għada ta' l-elezzjoni, il-Kappillan tal-parroċċa fejn kien joqgħod mar jifraħ lil oħtu, u qaltlu: "Għamluh Papa? Mela ma kienux jafu li dak marid b'qalbu!" Infatti huwa miet xi 32 ġurnata biss wara li kien magħżul. B'rispett lejn Ġwanni XXIII li kien ħatru Isqof, u lejn Pawlu VI li kien għamlu Kardinal, il-Papa Luċjani kien ħa l-isem ta' Ġwanni Pawlu I.

Fil-ftit jiem li għamel fuq il-Katedra ta' San Pietru, b'dik it-tbissima sinċiera karatteristika tiegħu, irnexxielu jiġbed id-dinja warajh, tant li laqqmuh bħala l-*Papa tat-Tbissima*. Fil-parroċċa tal-Għasri saret Konċelebrazzjoni b'suffraġju tiegħu, b'omelija taċ-ċirkustanza, minsuġa miċ-Ċelebrant Ewlieni.

## ĠWANNI PAWLU II (1978-2005)



Fil-21 ta' Ottubru 1978, wara erbat ijiem ta' konklavi, ġie magħżul Papa l-Kardinal Pollakk, Karol Wojtyla, li ħa l-isem bħal ta' qablu. Kulħadd stagħġeb, għaliex dan il-kardinal ta' 58 sena ma kienx magħruf. Fit-28 ta' Ottubru ġie intronizzat u mlibbes il-palju. Il-knejjes kollha ta' Għawdex daqqu mota ta' ferħ ta' kwarta. Fost il-ħafna affarijiet oħra, il-poplu Malti u Għawdxi żgur ser jibqa' jgħożż f'qalbu it-tifkira għażiża ta' Ġwanni Pawlu II bħala l-ewwel Papa li qatt żar il-gżejjer tagħna.

Wara Pontifikat ta' kważi 27 sena, it-tielet l-itwal fl-istorja tal-papiet, Ġwanni Pawlu II miet nhar is-Sibt, 2 ta' April 2005. Hekk kif ħalliena, l-Arċisqof Leonardo Sandri, Sostitut tas-Segreterija ta' l-Istat tal-Vatikan, ħabbar dan l-avveniment kiebi lill-folla miġbura fi Pjazza San Pietru, u lid-Dinja, b'din il-frażi: "Fid-9.37 p.m. il-Missier Qaddis tagħna rritorna fid-Dar tal-Missier".

'L għada l-Ħadd, wara l-quddiesa tal-10.00 a.m., il-qniepen tal-parroċċa tagħna daqqu mota funebri. L-Erbgħa, 6 ta' April, fis-6.00 p.m. fil-Knisja Parrokkjali saret Konċelebrazzjoni b'suffraġju tar-ruħ għażiża tal-Papa. Ħa sehem il-kor parrokkjali tal-Għasri *Lauda Sion* u attendew ħafna nies, fosthom rappreżentanza tal-Kunsill Lokali l-ġdid. Kull familja kienet mistiedna permezz ta' nota li tqassmet il-jum ta' qabel, biex iġġib xemgħa bħala turija ta' rispett u mħabba lejn il-Papa Wojtyla. Fil-ħin ta' l-offertorju, ix-xemgħat mixgħula tpoġġew quddiem ix-xbieha tal-Papa li kienet esposta fuq il-presbiterju. Waqt il-funeral tal-Papa, nhar il-Ġimgħa, 8 ta' April, il-qniepen tal-parroċċa reġgħu daqqu mota funebri oħra.

Ta' min iżid jgħid, li fil-jiem ta' bejn il-mewt u l-funeral tal-Papa, kienu diversi dawk l-Għasrin, li b'imħabba profonda lejn il-Q.T., poġġew ward u/jew xemgħa f'riġlejn il-monument taż-żjara tiegħu f'Għawdex, eżistenti fit-triq il-prinċipali li ġġib ismu, eżatt qabel nidħlu r-Rabat **(ara ritratt)**.




Ritratt: Louis Saliba (Għasri)

**BENEDITTU XVI (2005-...)**





Il-konklavi għal ħatra tal-Papa l-ġdid beda fit-18 ta' April. 'L għada, it-Tlieta, wara biss erba' skrutinji, il-115-il Kardinal miġbura fil-Kappella Sistina, eleġġew lill-Kardinal Ġermaniż Joseph Ratzinger, ta' 78 sena, bħala l-265 Papa tal-Knisja Kattolika u ħa l-isem ta' Beneditttu XVI.

Kif tfaċċa fil-gallerija tal-Bażilika ta' San Pietru, qabel ma ta l-Barka *Urbi et Orbi*, lill-Belt ta' Ruma u lid-Dinja, lissen din l-ewwel tislima: "Għeżież ħuti, wara l-kbir Papa Ġwanni Pawlu II, is-Sinjuri Kardinali għażlu lili, ħaddiem sempliċi u umli fil-vinja tas-Sinjur. Jikkunslani l-fatt li l-Mulej jaf jaħdem u jaġixxi anki bi strumenti insuffiċjenti u b'mod speċjali nafda ruħi fit-talb tagħkom. Fil-ferħ tal-Mulej irxuxtat, fiduċjużi fl-għajnuna permanenti tiegħu, nimxu 'l quddiem. Il-Mulej jgħinna, Marija, Ommu l-aktar qaddisa, tinsab magħna. Grazzi".





***Ritratt, xellug:*** 19 ta' April 2005, il-Papa Benedittu XVI bl-ewwel tislima tiegħu lin-nies miġbura fi Pjazza San Pietru u lid-Dinja hekk kif kien elett fuq il-Katedra ta' San Pietru. ***Lemin:*** Fr. Josef Ratzinger, wara, fuq il-lemin, ma' ħuh Fr. Geörg, wara l-Ordinazzjoni Saċerdotali tagħhom f'Lulju 1951, flimkien mal-ġenituri u oħthom Marija, fi Freising, il-Bavarja – Ġermanja.

**Konklużjoni:**

F'kull okkażjoni tal-mewt tal-Papa, ħafna jaħsbu li papa ieħor bħal dak li miet, issa ma jkunx hemm. Però l-istorja tidher xort'oħra għaliex dawn l-aħħar seba' Papiet, bravi u qaddisin, minkejja li mexxew il-Knisja b'mod differenti wieħed mill-ieħor, kollha wettqu ħafna ġid, u ressqu bosta erwieħ lejn Kristu. Minn hawn jidher ċar li l-Ispirtu s-Santu jaħdem mal-Knisja u dejjem jagħtiha Papa li jkun adattat għaż-żminijiet. Għaliex il-Papa, kienet min kienet il-persuna, huwa dejjem ir-ragħaj it-tajjeb li jmexxi l-merħla ta' Kristu f'mergħat fejn hemm ħafna ħdura.